MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 276/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Sant**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Sant talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-10 ta' Mejju 2007, f'xi hin wara nofs inhar gewwa Triq Santu Wistin, San Giljan;

1. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara lil Catherine Sophie Pernot Sprangers u dan bi ksur ta' l-Artikolu 138 tal-Kap. 9;

2. ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Catherine Sophie Pernot Sprangers, liema delitt sar minn ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku li kellu jissorvelja biex ma jsirx [dak id-delitt] jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan bi ksur tal-Artikoli 221 u 141 tal-Kap. 9; u

3. hebb kontra Catherine Sophie Pernot Sprangers, sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-imsemmi Kap. 9;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ Lulju, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi David Sant hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u kkundannat ghall-piena ta’ erba’ xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi David Sant, minnu prezentat fid-19 ta’ Lulju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew altrimenti r-riforma taghha kwantu ghall-piena; rat ukoll ir-rikors, kontestwalment prezentat ma’ dak ta’ l-appell, li permezz tieghu l-istess David Sant talab li l-appell jinstema’ f’data fil-vicin;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta’ Awissu 2007; ikkunsidrat:

**1.** Dan l-appell jirrigwarda incident li sehh fil-post indikat fl-imputazzjoni nhar l-10 ta’ Mejju 2007 ghal habta tal-hamsa w nofs ta’ wara nofs in-nhar. Bazikament li gara kien hekk: l-appellant, li hu – jew ghall-anqas kien fil-mument tal-incident[1] – Surgent tal-Pulizija sab ruhu fuq xoghol flimkien ma’ ufficjali ohra tal-pulizija f’Bay Street. F’hin minnhom ra li kien hemm *coach* li kienet qed timblokka wahda mit-toroq u li wara din il-*coach* kien hemm serbut vetturi. Is-sewwieq tal-*coach* ma riedx isuq ghax beza’ li jekk jghaddi minn fuq pjanca li kienet qed tghatti sprall, din setghet tisfronda bih. L-appellant

[1] Meta ddepona quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-10 ta’ Awissu 2007, huwa kien sospiz pendenti l-ezitu ta’ dan il-kaz.

ghalhekk ried li l-vetturi li kienu wara l-*coach* isuqu lura izda sewwieq minnhom – mara ta' eta` mhux tant zghira u li sussegwentemet irrizulta li kienet franciza – irrifjutat li taghmel hekk u baqghet iddoqq persistentement il-*horn*. F'xi hin l-appellant iddecieda li jarresta lil din il-mara, presumibbilment ghax kienet irrifjutat li tobdi l-ordnijiet legittimi tieghu – ghalkemm hu jammetti li kien hemm problema ta' lingwa u la hu ma seta' jifhimha bil-franciz u jidher li anqas hi ma setghet tifhmu jitkellem bl-ingliz jew bil-malti – u ghalhekk dahhal idejh fil-vettura taghha biex jipprova johdilha c-cavetta. Hija rrezistietu u fil-process girfitlu idu b'mod li anke kellu d-demm jidher. L-appellant rega' mar fuq is-sewwieq tal-*coach* u pperswadieh jimxi u jsuq. Ghalhekk issa kien ghad fadal fit-triq biss il-vettura ta' din il-franciza, wieqfa proprju f'nofs it-triq, bl-appellant hdejha jipprova ma jhallihiex titlaq. Mill-*video clips* ezibiti a fol. 13 – *clips* li partijiet minnhom huma riprodotti bhala *stills* f'pagni 16 u 17 tal-harga Maltatoday Midweek tas-6 ta' Gunju 2007 – jidher li f'hin minnhom is-surgent qaghad mal-bieba miftuha tan-naha tas-sewwieq tal-vettura[2] b'mod li ma halliex li l-bieba tinghalaq. F'dan il-hin il-franciza ppruvat timbotta lill-appellant anke billi qabditlu idu x-xellugija li biha kien qed icempel fuq il-*mobile*, izda l-appellant xejjrilha b'irkobbtu x-xellugija fid-direzzjoni ta' ghonqa. Il-franciza ingibdet lura u ma jidhirx li intlaqtet, u baqghet targumenta u bdiet tipprova, mill-posizzjoni bilqgheda kif kienet wara l-i*steering wheel*, twarrbu minn mal-bieb biex taghlaq l-istess bieba. Kien hawnhekk li l-appellant, ta *knee-jerk* b'saqajh tal-lemin u laqat lill-franciza b'irkobbtu fil-parti ta' fuq ta' sidirha. Din tidher tintelaq, minkejja s-*seat belt* li kienet liebsa, fuq ix-xellug fuq il-*passenger seat* kjarament sturduta – meta ddeponiet quddiem din il-Qorti spjegat li mad-daqqa hasset ugiegh kbir f'sidirha u qatghet nifisha, u hi addirittura intilfet minn sensiha, ghalkemm tghid ukoll li seta' kien hemm cirkostanzi ohra, bhall-eccitament u dwejjaq, li kkontribwew ghat-telfien tal-konoxxenza. Fir-rapport (fol. 27, 28 tal-atti) li l-appellant ghamel ta' l-incident huwa ma jsemmi xejn dwar id-daqqa ta' l-

[2] Din il-vettura ghandha l-i*steering wheel* fuq ix-xellug u mhux fuq il-lemin.

irkoppa[3]. Il-pulizja baghtu ghal din il-mara, Catherine Sophie Sprangers, biss wara li deheru r-ritratti fil-gazzetta aktar ‘l fuq imsemmija. Essenzjalment dan hu l-incident kollu.

**2.** L-appellant ghandu tmien aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti messha sfilzat id-DVD (ezibit a fol-13) li juri l-*video clips* aktar ‘l fuq imsemmija. L-appellant jikkontendi bazikament li galadarba dan id-dokument gie mghoddi lill-ufficjali tal-pulizija minghajr pero` ma ttella’ jixhed min gibed l-istess *video*, u minghajr ma giet stabbilita dak li l-appellant isejjah “il-kontinwita` ta’ l-evidenza” (fis-sens ta’ kif il-filmat ghadda minn idejn min gibdu sa ma spicca bhala ezibit fil-qorti), allura dan id-dokument kellu jigi dikjarat inammissibbli. Huwa jaghmel referenza ghal diversi brani minn sentenzi u awturi in sostenn tat-tezi tieghu.

**3.** Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma’ l-appellant li dan id-dokument kellu jigi dikjarat inammissibbli. Wiehed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta’ dokument u l-valur probatorju li jista’ jinghata lil tali dokument. Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, *video clip*, *tape recording* u registrazzjonijiet ohra simili – jittella’ jixhed xi hadd li jkun jista’ jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta’ meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; il-persuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista’ ma tkunx rintraccabbli (tista’ anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa’ sieket meta mistoqsi dwar dak l-

[3] Il-parti relevanti tar-rapport tghid biss hekk: *“While waiting on site for a police woman to be brought to assist so that person would be arrested, said woman stated* [recte: started] *shouting and even carried on pressing her vehicle horn, when PS Sant tried to stop said woman in taking said woman hands on the horn same woman [started] attacking the sergeant, after doing such and seeing that said woman had lost control of her self, the police tried to take the woman out of the car but same was again aggressive, after said woman laid down on both fr. seats as if she had lost conscienceness* [recte: consciousness]*.”*

oggett), izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew gibed il-filmat (jew irregistra l-konversazzjoni) jista', skond ic-cirkostanzi, jincidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu – ghalhekk il-valur probatorju. Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun hadet ir-ritratt jew filmat, jew li rregistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per ezempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga – l-azzjoni tkun cara izda ma jkunx jista' jigi identifikat min qed jaghmel dik l-azzjoni, cioe` jekk hux l-imputat jew persuna ohra. Min ikun ha dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx ghax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat. Kwistjoni simili kienet giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja** [4] u in segwitu konfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti kollegjalment komposta[5]. Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita` ta' registrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefonici li allegatament kienu saru bejn l-akkuzat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-*casette tape* relattiv ammissibbli minkejja li l-pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tghid min irregistraha u kif dik ir-registrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-kaz kienet ghamlet referenza ghall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz **Kuruma, son of Kaniu v. The Queen** [6] fejn a pagna 203 jinghad hekk: ***"…the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle."*** Ghalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, il-principju jibqa' li t-*test*

[4] Att ta' Akkuza numru 20/97.
[5] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri, u fl-istess ismijiet, tat-3 ta' Mejju 2000.
[6] [1955] AC 197.

huwa dak tar-relevanza: jekk il-filmat jew ritratti jew registrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jigifieri mhux manifestament irrelevanti – allura, fin-nuqqas ta' xi *exclusionary rule of evidence* dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif inghad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-ohra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tigi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew registrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir-rilevanza, il-qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu[7]. Il-kwistjoni tal-kontinwita` ta' l-evidenza, li l-abbli difensur ta' l-appellant sahaq fuqha kemm fir-rikors kif ukoll fit-trattazzjoni, tqum biss – u dan, fi kwalunkwe kaz, fil-kuntest tal-valur probatorju – jekk kemm-il darba jkun irid jigi stabbilit li l-oggett in kwistjoni huwa l-istess oggett misjub jew elevat minn x'imkien, u/jew li mill-mument li l-oggett gie hekk misjub jew elevat ma ntmessx fir-rigward ta' xi proprjeta` tieghu li tista' tghin fil-prova tal-htija jew tal-innocenza tal-imputat jew akkuzat. Issa, fil-kaz in dizamina is-Supretendent Mario Spiteri[8] fisser li d-DVD kien ghaddihulu l-editur tal-Maltatoday wara li dan il-gurnal kien ippubblika fil-harga ta' nofs il-gimgha *stills* f'forma ta' ritratti mehuda mill-filmat. La dana l-editur u lanqas min effettivament gibed il-filmat ma ttella' jixhed. B'dana kollu dan ma jirrendix id-DVD inammissibbli, u dan ghar-ragunijiet aktar 'l fuq imfissra. Kwantu ghal-valur probatorju – u cioe` (1) jekk dak li juri dan il-*video* hux minnu (fis-sens li verament sehh dak li jidher fih, u li ghalhekk dan mhux xi montatura) u (2) jekk hux verament l-appellant li jidher fih jaghmel xi affarijiet – l-appellant stess kemm meta gie interrogat mis-superjuri tieghu kif ukoll meta ddepona quddiem din il-Qorti f'ebda hin ma cahad li dak li juri dak il-filmat ma hux minnu jew li l-persuna li tidher ixxejjer bl-irkoppa ghal darbtejn fid-direzzjoni ta' mara f'vettura ma kienx hu: anke din il-Qorti setghet tistabilixxi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-

---

[7] ***"A photograph (or film)* *the relevance of which* *can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender."*** – Blackstone's Criminal Practice – 2004 (OUP), para. F8.36, pagna 2145

[8] Udjenza tal-10 ta' Awissu 2007.

raguni u minghajr il-htiega ta’ xhieda jew periti, li l-ufficjal li jidher jaghmel dawn l-affarijiet hu fil-fatt l-appellant. L-appellant jghid biss li l-filmat ma jurix dak kollu li gara, senjatament il-parti meta kien hemm il-*coach* li mblukkat it-triq u meta huwa mar biex johdilha c-cavetta, kif ukoll partijiet wara, cioe` minn meta l-franciza intilfet minn sensiha sakemm giet l-ambulanza. Din il-Qorti wara li rat, bhalma ghamlet l-ewwel qorti, il-*clips* in kwistjoni hi tal-fehma li dawn, u specjalment l-ewwel wiehed, juru ezattament dak li gara fil-mument relevanti meta f’hin minnhom Sprangers inghatat daqqa bl-irkoppa fuq sidirha u intilfet minn sensiha. Din il-Qorti m’ghandhiex l-icken dubbju li l-*clips* juru dak li effettivament gara, ghalkemm mhux necessarjament dak kollu li gara, u huma ghalhekk mhux biss prova ammissibbli izda prova elokwenti u relevantissima ghall-kaz *de quo*. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi michud.

**4.** It-tieni aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li l-ewwel qorti naqset milli tapplika l-iskuzanti – li hu jsejhilha “diminwenti” – tal-provokazzjoni kontemplata fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 230 tal-Kodici Kriminali. Din id-disposizzjoni tipprovdi li *“L-offiza volontarja fuq il-persuna hija skuzabbli…jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta’ kull xorta li jkun, kontra l-persuna.”* Jibda biex jinghad li meta l-appellant jinvoka din l-iskuzanti huwa jkun qed jammetti li l-offiza maghmula minnu kienet wahda volontarja u mhux semplicement, kif ipprova ripetutament jaghti x’jifhem fid-deposizzjoni tieghu, li huwa laqat lill-appellanti accidentalment – addirittura meta xehed huwa pprova jghid li kien laqatha bil-pexxul[9], haga li kienet tirrikjedi li huwa jkun kontorsjonista. Jinghad ukoll li din l-iskuzanti tista’ tigi invokata biss fir-rigward tar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni izda mhux ukoll ghar-rigward tar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, cioe` r-reat ta’ ksur doluz ta’ dmirijiet ufficjali. Issa, il-provokazzjoni timplika li tkun saret xi haga li tiskatta reazzjoni b’rizultat dirett u immedjat ta’ dik il-provokazzjoni. Infatti, l-Artikolu 235 tal-Kodici Krminali jikristallizza dan in-ness ta’ immedjatezza

[9] “Ghax hi waqt li bdiet tipprova taghlaq il-bieba kien dak il-hin li jiena ghollejt saqajja u l-qattha bil-pexxul.”

fis-segwenti regola: *"Ma jiswewx lill-hati l-provokazzjonijiet imsemija fl-artikoli 227 u 230 meta ma jkunux saru fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza."* Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni neccessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza – li, jinghad mill-ewwel, li ma humiex relevanti ghall-kaz in dizamina – bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni. Mill-kumpless tal-provi, l-unika offiza kontra l-persuna li l-appellant jirrizulta li sofra qabel ma ta d-daqqa bl-irkoppa kienu l-grif fuq idejh meta huwa pprova, kif jghid hu, jiehu c-cavetta tal-vettura li fiha kienet bilqeghda Sprangers. Pero`, kif jammetti l-istess appellant fid-deposizzjoni tieghu, dan gara xi ghaxar minuti qabel l-incident tal-irkoppa, ghax hu mar jipprova johdilha c-cavetta meta kien ghad hemm il-*coach* wieqfa u Sprangers kienet baqghet iddoqq il-*horn* u ma rieditx issuq lura. Wara mar biex jikkonvinci lis-sewwieq tal-*coach* biex isuq, u kien wara li dan effettivament saq u telqu wkoll il-vetturi li kienu wara l-vettura tal-franciza, li l-appellant mar fetah il-bieba tal-karozza u sehh l-incident li jidher fl-ewwel *clip*. B'ebda mod, ghalhekk, ma jista' jinghad li l-agir ta' l-appellant kien effett dirett u immedjat tal-grif li huwa kien sofra fuq idejh – fi kliem iehor il-provokazzjoni ma saritx fil-waqt ta' l-azzjoni tad-daqqa bl-irkoppa li taghha dik il-provokazzjoni qed tingieb bhala skuza. Pjuttost din il-Qorti tikkonkludi, anke wara li rat il-*clip* ripetutament u anke bl-i*slow motion*, li dan kien kaz fejn, meta Sprangers baqghet ma tridx tisma' u anke ppruvat timbotta lill-appellant biex tkun tista' taghlaq il-bieba (u presumibbilment anke titlaq minn hemm), l-appellant kien xeba' mill-agir taghha u biex isikkitha u zgur tibqa' hemm, ta d-daqqa b'irkobbtu u prattikament *knocked her unconscious*. Dan hu kkonfermat ukoll mid-deposizzjoni ta' Spangers li, ghalkemm qalet li fil-fehma taghha l-appellant m'ghamilx li ghamel specifikatament biex iweggaghha, qalet li hi tifhem li ghamel hekk "semplicement biex iwaqqaf dak li kien qed jigri." Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**5.** Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant jghid li l-ewwel qorti wkoll malament irrespingiet l-iskuzanti li huwa agixxa taht l-influwenza immedjata tal-passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh imsemmija fil-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 227 tal-Kodici Kriminali, reza applikabbli din l-iskuzanti ghall-offizi volontarji fuq il-persuna bl-Artikolu 230(b). Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Biex din l-iskuzanti tista' tigi milqugha din il-Qorti trid tkun sodisfatta, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak li ghamlet Sprangers – l-imgieba taghha kwazi isterika – kienet tali li f'nies ta' temperament ordinarju "komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi [tal-azzjoni li tikkawza l-offiza fuq il-persuna]". Issa hawn mhux biss ghandna membru tal-Korp tal-Pulizija li suppost huwa mharreg biex ma jaqax ghall-provokazzjonijiet, izda anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li precedentement Sprangers kienet girfitu u l-intransigenza kollha taghha, b'ebda tigbid tar-raguni ma jista' jinghad li bniedem ta' <u>temperament ordinarju</u> kien jintilef b'tali mod li ma jkunx jaf x'inhu jaghmel. Mill-*video clip* huwa car li l-appellant kien jaf ezattament x'kien qed jaghmel – ried jimmobilizza lil Sprangers, u dan ghamlu b'daqqa ta' rkoppa f'sidirha. Tant l-appellant kien jaf x'kien ghamel li immedjatament wara, meta cempel ghall-ambulanza u qabad lil tal-emergenza, u gie mistoqsi xi gralha l-mara, hu ma semma' assolutament xejn dwar id-daqqa li qalghet (anke jekk forsi bil-pexxul biss!!), izda qalilhom li din f'daqqa wahda kellha xi hass hazin. Dan jirrizulta mir-registrazzjoini tal-konversazzjonijiet bejn l-appellant u d-depot, Dok. SMS 8, fol. 66. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**6.** Anke l-aggravju bbazat fuq il-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 227 – l-iskuzanti tal-eccess tal-legittima difiza – huwa infondat. Biex ikun hemm l-iskuzanti tal-eccess tal-legittima difiza irid l-ewwel nett ikun hemm l-elementi kollha tal-legittima difiza, u cioe` li l-appellant ghamel dak li ghamel biex jiddefendi lilu nnifsu minn aggressjoni ingusta, gravi u inevitabbli gejja minn Sprangers. L-eccess javvera ruhhu meta jkun hemm sproporzjonalita` bejn din l-aggressjoni u l-metodu ta' difiza adoperat. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li meta Sprangers ippruvat timbotta u

tigbed lill-appellant mill-qalziet biex taghlaq il-bieba tal-vettura taghha – u kien dak il-hin li l-appellant xejjrilha d-daqqa li minhabba fiha ntilfet minn sensiha – hi ma kienitx qed taggredixxi lill-appellant b'mod li hu kien jehtieglu li jiddefendi lilu nnifsu. Kien hemm, iva, resistenza da parti taghha ghax kien ovvju li l-appellant riedha tibqa' hemm, pero` mhux aggressjoni, u certament mhux aggressjoni li setghet ragjonevolment tnissel f'mohhu appresjoni dwar l-inkolumita` tieghu. Kif jidher mill-filmat, flok ma l-appellant effettwa l-arrest ta' Sprangers billi sejjah lil wiehed mill-pulizija l-ohra li kienu fil-vicinanzi biex it-tnejn li huma johorguha mill-vettura, jew flok ma qabad u mmanetjaha, hu ghazel li jibqa' b'xi haga f'idejh it-tnejn (kartella tan-notamenti f'wahda u l-*mobile phone* fl-ohra) b'tali mod li biex izommha milli tkompli tipprova timbuttah biex tkun tista' taghlaq il-bieba hu ddecida li jxejjrilha d-daqqa ta' rkoppa. Din il-Qorti taghmilha cara li mhux qed teskludi li l-appellant seta' kellu raguni valida u sufficjenti biex jarresta lil Sprangers; izda anke biex jigi effetwat arrest, il-forza li tista' tintuza f'kaz ta' resistenza jew tentattiv ta' harba irid ikun proporzjonat. Kif jinghad fi **Blackstone's Criminal Practice – 2004** :*"Force cannot be used where the suspect does not resist arrest or attempt to escape…If he does, force may then be used but it must be proportionate to the gravity of the offence or the harm to be averted. Only that force may be used which is necessary to secure and subdue the fugitive…Similar principles apply to the use of force in maintaining the peace."* [10] Kjarament minn kull aspett hawn intuzat forza sproporzjonata meta tqis mhux biss il-"gravita`" tar-reati li ghalihom Sprangers setghet tigi arrestata izda anke l-fatt li kien hemm mezzi ohra disponibbli li setghu jigu adoperati biex hi ma tithallix titlaq minn fuq il-post. Dana l-aggravju, ghalhekk, huwa wkoll respint.

**7.** Aggravju iehor ta' l-appellant hu li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi u senjatament ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9. L-appellant jghid li *"Jista' jkun li l-Ewwel Qorti ma kinitx konsapevoli ta' dak li qal il-kompjant u erudit Imhallef Harding fl-appell ta'* ***Il-Pulizija***

[10] *op. cit.* para. D1.7, pagna 989.

***v. Mary Simiana*** [11]*"* li biex ikun hemm din il-kontravvenzjoni *"hemm bzonn dejjem li l-imputat ikun irid il-fatt"*. Skond l-appellant hu ma riedx iwegga' ossia jaghmel hsara lil Sprangers. Issa, apparti li hawn l-appellant kjarament qed jintilef f'dak li hu assolutament marginali – ghax it-tielet imputazzjoni hi assorbita fit-tieni imputazzjoni stante li bejniethom hemm konkors formali ta' reati – huwa l-appellant li mhux qed jifhem il-portata tal-gurisprudenza, u mhux l-ewwel qorti. Fil-kaz in dizamina l-fatt li l-appellant ried kien jikkonsisti fin-*knee jerk* li, diretta kif kienet id-daqqa lejn sider Sprangers, l-appellant ma setax ma jirrealizzax li din tista' tikkawza, kif effettivament ikkawzat, hsara. Ghalhekk dana l-aggravju kif migjub huwa wiehed fieragh.

**8.** Is-sitt aggravju hu maghmul jikkonsisti bazikament filli l-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti messha sabet li l-offiza minnu kkagunata fuq Sprangers kienet "ta' importanza zghira" skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali, u dan peress li t-tabib John Gauci, li kien ezamina lill-imsemmija Sprangers, kien ikkwalifika l-offizi bhala *"of slight consequence"*. Fil-fatt hekk ipprova jaghmel ukoll dan it-tabib meta xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-10 ta' Awissu 2007. Jinghad ipprova jaghmel, ghax kif appena l-abbili difensur ta' l-appellant staqsa jekk l-offiza li garrbet Sprangers kinitx *"of slight consequence"*, din il-Qorti zammet lix-xhud milli jwiegeb ghal din id-domanda. Ir-raguni hi semplici: l-offiza tkun "ta' importanza zghira" meta titqies "sew ghal dak li hu l-gisem ta' l-offiz kemm moralment". Fi kliem iehor, il-kwalifika ta' offiza hafifa bhala ta' "importanza zghira" ma tiddependix biss fuq l-aspett fiziku jew mediku, izda wkoll fuq l-aspett morali fis-sens ta' kif l-offiza timpingi jew tista' timpingi fuq il-psike tal-offiz. Issa, fil-fehma tal-Qorti, li tigi offiz fuq il-persuna tieghek minn xi hadd – ufficjal fil-Korp tal-Pulizija – li suppost qieghed hemm proprju biex jara li inti ma tigix hekk offiz, difficilment jista' jikkwalifika bhala "ta' importanza zghira" mil-lat morali. Effettivament, meta kwazi xahar wara li gara l-incident u wara li kienu pubblikati r-ritratti fil-

[11] 6 ta' Marzu 1954.

Maltatoday, il-pulizija bghatu ghal Sprangers, hi ghamlitha cara li kullma riedet kien li affarijiet bhal dawn ma jergghux jirrepetu ruhhom, proprju minhabba l-umiljazzjoni li dak li jkun jissubixxi meta jigi, kontra l-ligi, offiz fuq il-persuna tieghu minn ufficjal tal-pulizija f'dak li hu suppost il-qadi tad-dmirijiet ta' dak l-ufficjal. Ghalhekk f'dan il-kaz din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tikkwalifika l-offiza bhala "ta' importanza zghira" fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 221 tal-Kap. 9.

**9.** Is-seba' aggravju ta' l-appellant huwa infondat. Hu jikkontendi li galadarba ma kienx hemm il-kwerela tal-parti offiza – Sprangers – allura, in vista ta' dak li jipprovdi s-subartikolu (4) tal-Artikolu 221 l-azzjoni kriminali ma setghetx tittiehed. Pero` f'dan il-kaz ir-reat ta' offiza hafifa mhux biss kien akkumpanjat minn reat li jmiss l-ordni pubbliku – ir-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni – izda l-persuna offiza ma rrinunzjatx espressament ghall-azzjoni kriminali fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li sar ir-reat, b'mod ghalhekk li skond il-*proviso* ta' l-Artikolu 373 tal-Kap. 9 il-pulizija setghet tipprocedi *ex officio* anke fir-rigward ta' l-akkuza ta' offiza hafifa u ghalhekk minghajr ebda htiega tal-kwerela.

**10.** Nigu issa ghall-ahhar aggravju, dwar il-piena. Bhala regola, il-piena ghal reati ta' vjolenza fizika ghandha tkun dik ta' prigunerija jew detenzjoni b'effett immedjat. Fil-kaz in dizamina ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni – dak ta' offiza hafifa fuq il-persuna – huwa aggravat bid-dispost ta' l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali b'mod li l-piena applikabbli hija minn minimu ta' tlett xhur[12] sa massimu ta' sitt xhur[13]. Kif diga` gie osservat, bejn ir-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni u dak ipotizzat fit-tieni imputazzjoni hemm l-assorbiment minhabba konkors formali. Fil-kaz ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, imbaghad, hemm il-konkors tal-mezz ghal fini skond il-paragrafu (h) tal-Artikolu 17 tal-Kap. 9. Dak li ghamel l-appellant kien bla dubbju ta' xejn reat gravi proprju minhabba l-uniformi tieghu. Kieku ma kienx ghall-gazzetta Maltatoday, dan ir-reat kien jibqa'

[12] Artikolu 31(1)(f) tal-Kodici Kriminali.
[13] Artikolu 31(1)(b)(xiv)(xiii) tal-Kodici Kriminali.

mistur, u din il-Qorti temmen li jekk reati bhal dawn, kommessi minn ufficjali tal-pulizija, ma jigux trattati bis-serjeta` u bis-severita` li jisthoqqilhom facilment is-socjeta` -- specjalment socjeta` zghira bhal taghna fejn kullhadd jaf lil kullhadd -- taqbad it-triq ghan-nizla b'mod li anke aberrazzjonijiet aktar gravi jistghu jispiccaw ikunu r-regola flok l-eccezzjoni u jibqghu mhux puniti. Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti temmen li ghandu jkun hemm piena ta' prigunerija, u dik erogata mill-ewwel qorti kienet mhux biss entro l-parametri tal-ligi izda gustifikata. Mill-banda l-ohra, pero`, il-Qorti ghandha quddiemha ufficjal tal-pulizija li ta ghoxrin sena servizz impekkabbli lill-pajjizu. Huwa ghandu fedina penali nadifa – minkejja l-kontravvenzjoni li kien pejjep f'cinema f'Mejju tal-1978 u kien immultat zewg liri, din il-Qorti xorta wahda tqis il-fedina penali bhala wahda nadifa. Is-*service record* tieghu huwa wkoll wiehed ta' min jiftahar bih. Diversi ufficjali tal-pulizija, kemm superjuri kif ukoll subalterni ta' l-appellant, xehdu dwar il-karattru ta' l-appellant, il-*leadership qualities* tieghu, u kif dak li ghamel kien, kif ighidu bl-ingliz, *totally out of character* ghalih. Jista' jkun ukoll li hu kien taht xi ftit ta' *stress* minhabba problemi personali. Fi kliem iehor, kienet aberrazzjoni ta' darba, li ghaliha l-appellant ga hallas billi ghadda mill-mangnu ta' dawn il-proceduri. Mhux hekk biss, izda f'dan il-kaz dak li ghamel l-appellant ma jistax jinghad li kellu xi effett trawmatiku fuq is-socjeta`, minkejja l-pubblicita` li, jerga' jigi ribadit gustament, inghatat mill-gazzetta aktar 'l fuq imsemmija. Il-persuna offiza, fl-udjenza tal-10 ta' Awissu 2007, hafret inkondizzjonatament lill-appellant, li minn-naha tieghu pubblikament talabha skuza anke peress li rrikonoxxa l-hsara li huwa ghamel lill-istess Korp tal-Pulizija bl-agir tieghu. Sprangers, li bl-agir inkonsult taghha certament ma ghinitx biex jigi evitat l-incident, kullma trid hu li incidenti bhal dawk li kienet involuta fih ma jirrepetux ruhhom. Ghalhekk hemm f'dan il-kaz l-ingredjenti kollha biex din il-Qorti tissospendi l-piena ta' prigunerija.

**11.** Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: (a) thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati skond it-tielet imputazzjoni, u dan peress li r-reat ipotizzat

f'din l-imputazzjoni huwa assorbit minhabba konkors formali fir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni; (b) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija b'dan li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tordna li s-sentenza ta' erba' xhur prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' sena mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-imsemmi Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Fl-ahharnett din il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-suabrtikolu (8) ta' l-Artikolu 28A.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------